MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 717/2002

**Valhmor Borg Import Export Limited**

**vs**

**Alfred Falzon**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma kumplessiva ta' elfejn, erba' mija u sittin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm2,460.99) rapprezentanti, l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ghall-konsum mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut, kif ukoll ihallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dik ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-7 ta' Jannar, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.